MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 286/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Mauro Zammit bin Paul u Rita nee' Mercieca, imwieled fit-22 ta' Marzu, 1986 u residenti fil-fond 97, Triq San Albert, Gzira, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 145286(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mauro Zammit li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Marzu, 2008 ghal habta ta' 12:45hrs waqt li kien fi Triq is-Sellum, Rabat, Ghawdex:

1) Kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu u garr f'karozza DBB 869 senter ta-marka Pietro Beretta bin-

numru tar-registrazzjoni U45373E u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ;
2) Talli waqt li kien f'vettura DBB 869 kellu fil-pussess tieghu u garr l-imsemmija arma tan-nar ikkargata u barra mill-ghata taghha;
3) Talli waqt li kien fl-istess vettura kellu fil-pussess u garr arma tan-nar licenzjata ghal kacca tat-tjur, li kellha kompartament tal-iskratacc li jista' jzomm aktar minn zewg skratacc fl-istess hin ;
4) U tali fl-istess data, hin u post, garr u kien fil-pussess ta' skratacc (munizzjon) ikkargati b'xi comb ta' diametru aktar minn 3.3mm;
5) Talli fl-istess cirkostanza zamm u garr apparat elettriku jew elettroniku (Pre recorded Bird Caller) li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht is-subregolament (1)(d) tar-Regolament 7;
6) U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. C. Pilar Scerri Herrera LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15.09.2005 u zewg sentenzi ohra separati moghtija mill-Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13.02.2006 u nhar it-12.12.2006 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mhassra.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat ma kienx a konnoxxenza tal-fatt illi siehbu Yanic Fenech kellu arma tan-nar fil-vettura;

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------